# Il-Kungress Ewkaristiku fis-Siġġiewi

## 24-26 April 1913

Jikteb Joseph Schembri

**Il-mibki Papa Ġwanni Pawlu II, ried li ż-żmien bejn Ottubru 2004 u Ottubru 2005, tkun sena ddedikata lill-Ewkaristija. Il-Papa Ljun XIII fl-1881 kien ta bidu għall-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali. Dawn għadhom isiru sal-lum. L-24 Kungrezz Ewkaristiku kien sar f'Malta, bejn l-Erbgħa 23 ta' April u l-Ħadd 27 ta' April, 1913. Għal dan il-Kungress kienu ġew ħames Kardinali u mas-sittin Isqof.[1] L-iskop ta' dawn il-Kungressi hu biex ikabbru u jxerrdu mad-dinja Kattolika d-devozzjoni lejn Ġesù fl-Ewkaristija.**

Il-Kappillan tas-Siġġiewi Dun Mikiel Farrugia flimkien mal-Kleru kollu tal-parroċċa, iddeċidew li matul dan il-Kungress Ewkaristiku f'Malta jagħmlu xi ħaġa simili fuq bażi parrokkjali. Għalhekk ħejjew programm ta' tlett ijiem bi preparazzjoni, bejn il-Ħamis 24 ta' April u s-Sibt 26 ta' April, 1913. Matul dawn it-tlett ijiem ġew mistiedna żewġ predikaturi mfittxija ħafna għal dak iż-żmien, dawn kienu: l-Prof. Dun Mikiel Barbara ta' Ħal Kirkop, u Dun Pawl Zammit tal-Gudja. Fl-aħħar ġurnata ġie mistieden Mons. Maria Berti, Isqof ta' Amelia f'Umbria fl-Italja, li kien jinsab Malta għall-Kungress.



*Mons. Fra Franġisk Ma. Berti Franġiskan tal-Minuri Konventwali, Isqof ta' Amelia (Umbria) fil-jum tal-Kungress Ewkaristiku għamel pontifikal fil-Knisja Matriċi u Parrokkjali tas-Siġġiewi.*

## Il-Programm Parrokkjali

### Il-Ħamis, 24 ta' April 1913

Filgħodu kmieni, għasar solenni.

Quddiesa solenni bil-paneġierku, bi Tqarbina Ġenerali.

### Il-Ġimgħa, 25 ta' April 1913

Filgħodu kmieni, għasar solenni.

Quddiesa solenni bil-paneġierku, bi Tqarbina Ġenerali. (Dun Ġużepp Buhagiar qassis mill-parroċċa, ressaq għat-Tqarbin Imqaddes madwar 700 tifel u tifla. Il-ħlewwa u l-ġabra tat-tfal saħħru lil kulħadd.)

### Is-Sibt, 26 ta' April 1913

Filgħodu kmieni, għasar solenni.

Fis-7.15am – Merħba lil Mons. Isqof Maria Berti f'tarf ir-raħal, fil-bidu ta' Triq Santa Margerita fejn il-mitħna li kien hemm. Wara, Quddiesa Pontifikali, u purċissjoni bis-Santissmu Sagrament.[2]

Il-qofol ta' l-attivitajiet parrokkjali matul il-Kungress Ewkaristiku kien is-Sibt 26 ta' April 1913. Għall-ħabta tas-7.15am il-poplu ħareġ bi ħġaru f'tarf ir-raħal biex jagħti merħba lill-Isqof Mons. Maria Berti. Malli l-karozzella ta' l-Isqof waslet, il-poplu nfexx iċapċap u jgħajjat, "Evviva Mons. Berti." Iż-żwiemel ġew żarmati, u ftit wara l-karozzella bdew imexxuha fuq l-idejn. Il-banda tar-raħal, *Nicolina* bidet iddoqq marċijiet brijużi. Il-qniepen tal-knisja bdew idoqqu. L-isparar tal-maskli u tal-bombi, u t-tfigħ ta' kwantità kbira tal-fjuri ma qata' xejn sakemm wasslu lill-Isqof Mons. Maria Berti sad-dar tal-kappillan. Il-poplu qagħad jistenna barra.

Wara xi ħin l-Isqof flimkien mal-Kappillan u l-Kleru ħarġu barra, u l-poplu li kien hemm jistennew akkumpanjawhom sal-knisja. Il-knisja kienet imżejna bħal fi żmien il-festa ta' San Nikola. Fuq it-tron l-Isqof kien megħjun minn xi Kanonċi ta' Birkirkara u żewġ qassisin oħra tal-parroċċa. L-Isqof qaddes pontifikalment, u l-quddiesa kienet akkumpanjata

Lilì

**Mons. Fra FRANGISC M. BERTI**

**Iskof ta Amelia**

Ta l'Ordni tal Minuri Conventuali
Cheucba Pactar luminusa fis Sema Frangiscana
Gloria ta l'Episcopat Cattolicu
Unur ta l'Italia collha
Ferh tal merhla tighu
Xbija ta veru religius
Li ghalchemm daun il glori collha jixirkulu u jokghodulu
Izda hua jidhirlu li m'hux denu ta dan
U ghalhecc kalb din l'umiltà collha
Actar ilehhu u jiddu, bhax xemx fid-dlam
Bhala tifchira li katt ma tintesa
Tal festa maghmula minn dan
Il Monsinjur
Geuua is Siggieui fil granet tal Congress Eucaristicu
Fejn giè mistieden miz-zelantissimu
Cappillan Dun Michiel Farrugia
u mil Cleru tighu
Il poplu kalb l'Osanna
Lilu lakgha u xtak li minnu
katt ma inbred
Dan il ctieb lilu irrid nati, li jigbor il palpiti
tal klub tas-Siggieuin collha
U bhala l'isbah curuna jitkeghdu
Fuk ir-ras tighu.
Huc f'San Frangisc
Can Fra. VINČENZ VELLA
*Terz: tal Minuri Conventuali.*

Nhar il Kalb ta Gesù
tas-sena 1913.

b'mużika tas-Surmast Anton Nani. Għal din l-okkażjoni ma kienx hemm persuna waħda mir-raħal kollu li ma resqitx għas-sagramenti f'dawn il-ġranet għeżiez. Wara l-quddiesa, l-Isqof mexa bis-Santissmu Sagrament f'idejh taħt il-baldakkin, u ħafna fratelli tas-Sagrament imxew mal-purċissjoni madwar il-pjazza. X'ħin daħlu fil-knisja l-Isqof ta l-Barka Sagramentali.

X'ħin spiċċat din il-funzjoni, il-poplu qagħad barra l-knisja, jistennew lill-Isqof joħroġ. Hekk kif ħareġ mill-knisja huwa sab folla immensa biex tagħtih l-aħħar tislima. Iċ-ċapċip u l-għajat ta' *"Evviva Mons. Berti u Evviva l-Kungressi,"* ma qata' xejn, u reġgħet saret dimostrazzjoni oħra. B'dawn il-ġesti kollha tal-poplu, l-Isqof ġie kommoss ħafna b'dan ir-rispett kollu lejh, tant li saħansitra d-dmugħ ġelben ma' għajnejh. Huwa qalilhom: **"li r-rispett li wrieh il-poplu tas-Siġġiewi ma kien se jinsieh qatt."**

Fi żmien dan il-Kungress kienet qiegħda tiġi stampata taħt forma ta' faxxikoli, il-Ħajja ta' San Nikola ta' Bari, u xi tagħrif ieħor fuq is-Siġġiewi u l-knejjes jew kappelli li jinsabu fih u madwaru. Kull faxxiklu kien bi 8 paġni, u l-prezz kien ta' 1d. (4 mils) u ġew miktuba mill-Kan. Vinċenz Vella, Kappillan ta' Santu Spirtu r-Rabat. Ir-raba' ktieb tiegħu, *It-Translazzjoni tal-Ġisem Tiegħu, (San Nikola) f'Bari*, ġie ddeikat lill-Isqof Mons. Maria Berti Isqof ta' Amelia. Dan l-Isqof baqa' impressjonat ħafna bid-dimostrazzjonijiet li għamlulu s-Siġġiwin f'dak iż-żmien. L-Isqof kiteb ittra lill-awtur il-Kan. Vinċenz Vella biex jibgħatlu kopja tal-ktieb li qiegħed jippubblika fuq *Il-Ħajja ta' San Nikola*. Huwa kompla jgħidlu li għalkemm ma jafx bil-Malti, huwa jżommu bħala tifkira tal-poplu kollu tas-Siġġiewi.[3]

F'din is-Sena Ewkaristika, ejjew niltaqgħu ma' Ġesù ta' spiss permezz tat-Tqarbin Imqaddes, u nħabirku ħalli nieħdu sehem fil-funzjonijiet Ewkaristiċi li qegħdin isiru f'dan iż-żmien. Min iħobb lil Ġesù u jiltaqa' miegħu ma jistax ma jħossux qrib tiegħu, anke meta jkollu qalbu maqtugħa. Ġesù qalilna, ***"Ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u jiena nserraħkom."***

**Riferenzi**


1 *Rajt Malta Tinbidel*, Herbert Ganado Vol.1, paġna 125.
2 *Il-Ħajja ta' San Nikola ta' Bari*, Kan. Vinċenz Vella. Ir-raba' ktieb, pp.6-7.
3 *Il-Ħajja ta' San Nikola ta' Bari*, Kan. Vinċenz Vella. Ir-raba' ktieb, pp.80-81.


## Aħfer u Agħder

Meta jkun hemm il-ħtieġa li nikkritikaw, m'għandniex inniggżu b'ilsienna. Qatt ma nistgħu nkunu żguri minn dak li nkunu qed naħsbu fuq dak li jkun. Ftakar li uġigħ il-qalb jibqa' jissemma u jibqa' mfakkar anke wara mewtna.

Kull iblah jaf jikkritika, jikkundanna u jgerger, imma trid tkun ta' karattru u jkollok dixxiplina fuqek innifsek biex tkun kapaċi tagħder u taħfer.
Il-kobor u d-dinjità tal-bniedem jidhru fl-imġiba li juża ma' dawk li huma *inqas* minnu.

**Qabel tgħid xi kelma, staqsi lilek innifsek: Vera dak li se ngħid? Qed nuri ħniena? Huwa bżonnjuż?**